MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2009

Numru 553/2009

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Hersey)

vs

Walid Henait

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat, detentur ta’ numru tal-immigrazzjoni 09B-145 li hu akkuzat talli:

1. fis-6 ta’ Gunju 2009 bhala persuna illi nizel jew telaq minn Malta ghamel jew gieghel illi jinghata xi prospett falz, dikkjarazzjoni falza jew taghrif ta’ fatti foloz lill-Ufficcjal Principali ta’ l-Immigrazzjoni bi ksur ta’ l-Artikolu 32(1)(C) tal-Kap 217;
2. taht l-istess cirkustanzi iffalsifika dokument jew kopja vera ta’ dokument jew registrazzjoni maghmula skond l-Att ta’ l-Immigrazzjoni cioé permess tar-residenza

Franciza (Titre de Sejour) bin-numru F750326588, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 32(1)(D) tal-Kap 217;
3. fl-4 ta' Mejju 2009, harab minn post ta' kustodja pubbliku cioé Safi Barracks, u dan ai termini tal-Artikoli 151 u 152 tal-Kap 9.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta;

Semghet lill-akkuzat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni hu baqa jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-akkuzat l-Qorti trid issibu hati .

Rat l-Artikolu 32(1)(C)(D) tal-Kap 217 u l-Artikolu 151 u 17 tal-Kap 9 billi m'hemm xejn li jindika li l-akkuzat jista' wkoll jinsab hati taht l-Artikolu 152 tal-istess Kap 9. tikkundannah tletin xahar prigunerija komplessivament sospiza ghal erba' snin bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kap 9.

Il-Qorti fehmet lill-akkuzat il-konsegwenzi ta' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------